MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 37/1999/1

**Agent Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Paola maghrufa bhala Polly Tanti (ID 331630M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju ta’ l-Artijiet:

Illi l-intimata giet notifikata b’Avviz ghall-Ftehim datat 31 ta’ Mejju, 1999 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas lilha ghall-akkwist b’titolu ta’ Dominju Pubbliku ta’ parti diviza mill-fond b’numru 63, Triq ix-Xatt ta’ l-Imsida, liema parti diviza fiha l-kejl ta’ circa 92 metru kwadru u tikkonsisti f’parti minn gnien li jinkludi kamra fil-livell tal-pjan terran li tmiss mill-punent ma pjazza, mill-Lvant ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Pisani et. u mill-Grigal ta’ proprjeta’ ta’ Joseph Tanti hija ta’ sittax-il

Lira Maltija u sitta u disghin centezmu fis-sena (Lm16.96) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A.&C.E. tat-28 t'April, 1999 li kopja tieghu (Dok A) gie anness ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju, 1999 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' Dominju Pubbliku l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha x-xhieda;

Ra  l-atti kolli tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi wara li ra l-affidavit tal-perit arkitett Godwin Aquilina u l-istima tieghu tal-fond fl-ammont ta'  Lm190 kera annwali; wara li rat ix-xhieda tal-intimata;

Wara li rat ir-relazzjoni tal-periti membri assenjati sabiex jassistu lil dan il-Bord liema relazzjoni hija annessa u formanti parti minn din is-sentenza, fejn l-istess periti membri kkonkludew illi l-kera annwa ta' dan il-fond ghandu jkun iffissat fl-ammont ta' Lm 60 (mija u erbghin euro u disa u sittin centezmu) fis-sena;

Il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti jordna lill-intimata sabiex titrasferixxi favur ir-rikorrenti b'titolu ta' Dominju Pubbliku ta' parti l-fond numru 63, Triq ix-Xatt ta' l-Imsida,  liema parti diviza fiha l-kejl ta' circa 92 metru kwadru u tikkonsisti f'parti minn gnien li jinkludi kamra fil-livell tal-

pjan terran li tmiss mill-punent ma pjazza, mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Joseph Pisani et. u mill-Grigal ta' proprjeta' ta' Joseph Tanti versu l-kumpens ta' mija u erbghin euro u disa u sittin centezmu (Euro 140.69) fis-sena. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-13 ta' Mejju 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-

Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------